

Brussell, 12 ta' Diċembru 2017  
(OR. en)

15648/17

CT 160  
ENFOPOL 614  
COTER 159  
COSI 328  
PROCIV 116  
JAI 1194

#### **EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI**

|                  |                                                                                                                                                                                                                                                            |
|------------------|------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:            | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill                                                                                                                                                                                                                           |
| fi:              | 11 ta' Diċembru 2017                                                                                                                                                                                                                                       |
| lil:             | Delegazzjonijiet                                                                                                                                                                                                                                           |
| Nru. dok. preċ.: | 14755/17                                                                                                                                                                                                                                                   |
| Suġġett:         | Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tar-rispons tal-Unjoni Ewropea għar-riskji relatati mas-CBRN, it-tnaqqis tal-aċċess għall-prekursuri tal-isplussivi u l-protezzjoni tal-ispazji pubbliċi<br>- Konklużjonijiet tal-Kunsill (7 ta' Diċembru 2017) |

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tar-rispons tal-Unjoni Ewropea għar-riskji relatati mas-CBRN, it-tnaqqis tal-aċċess għall-prekursuri tal-isplussivi u l-protezzjoni tal-ispazji pubbliċi, adottati mill-Kunsill fit-3584 laqgħa tiegħu li saret fis-7 ta' Diċembru 2017.

**KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL**

**DWAR**

**IT-TISĦIĦ TAR-RISPONS TAL-UNJONI EWROPEA GĦAR-RISKJI RELATATI MAS-CBRN, IT-TNAQQIS TAL-AĊĊESS GĦALL-PREKURSURI TAL-ISPLUSSIVI U L-PROTEZZJONI TAL-ISPAZJI PUBBLIĊI**

**IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA**

JESPRIMI T-TĦASSIB TIEGĦU dwar l-attakki terroristiċi reċenti fl-Ewropa.

JAGĦRAF il-bżonn li tissaħħaħ il-protezzjoni tal-ispazji pubbliċi<sup>1</sup>; it-tħejjija kontra riskji kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi u nukleari (CBRN)<sup>2</sup> għas-sigurtà; u l-bżonn li jiġu introdotti aktar passi biex jiġi evitat l-użu ħażin ta' prekursori tal-isplussivi<sup>3</sup>.

JILQA' l-proposti tal-Kummissjoni dwar dawn is-suġġetti mfassla biex jappoġġaw lill-Istati Membri biex jiddefendu aħjar liċ-ċittadini tal-UE kontra theddid terroristiku u tinholq Ewropa li tipproteġi.

JIRRIKONOXXI n-natura komprensiva tal-pjanijiet ta' azzjoni li jipprovdu opportunitajiet għall-Istati Membri biex issaħħu l-protezzjoni u t-tħejjija tagħhom kontra theddid li qed jevolvu permezz tal-parteeipazzjoni volontarja f'serje ta' inizjattivi li jirrikonoxxu li l-Istati Membri għandhom ir-responsabbiltà esklużiva għas-sigurtà nazzjonali u huma mfassla biex jappoġġaw lill-Istati Membri.

---

<sup>1</sup> 13489/17

<sup>2</sup> 13484/17

<sup>3</sup> 13721/17

JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI biex tirrapporta regolarment lill-korpi preparatorji tal-Kunsill, inkluż il-Kumitat Permanenti għas-Sigurtà Interna (COSI) u lill-Kunsill dwar il-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-protezzjoni ta' spazji pubbliċi, il-Pjan ta' Azzjoni dwar is-CBRN, u r-Rakkomandazzjoni dwar il-passi immedjati biex jiġi evitat l-użu ħażin ta' prekursori tal-isplussivi, inklużi fil-pakkett dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu.

#### Protezzjoni ta' spazji pubbliċi

FILWAQT LI JFAKKAR fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2012 dwar il-protezzjoni ta' miri faċli minn attakki terroristiċi<sup>4</sup>, li kienu l-ewwel pass fil-livell tal-UE għat-tisħiħ ulterjuri tas-sigurtà ta' postijiet pubbliċi;

FILWAQT LI JIKKUNSIDRA l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Ottubru 2017 dwar ir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-Istrateġija ta' Sigurtà Interna Mġedda għall-Unjoni Ewropea 2015-2020<sup>5</sup>, li jidentifikaw il-bżonn li tiżdied ir-reżiljenza tal-UE f'oqsma bħall-protezzjoni ta' spazji pubbliċi;

FILWAQT LI JESPRIMI T-TĦASSIB TIEGĦU dwar l-attakki terroristiċi reċenti li mmiraw spazji miftuħa u pubbliċi;

JILQA' l-Pjan ta' Azzjoni biex tittejjeb il-protezzjoni ta' spazji pubbliċi u jappoġġa l-approċċ komprensiv tiegħu.

#### JAPPELLA LILL-ISTATI MEMBRI BIEK:

jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-protezzjoni ta' spazji pubbliċi billi:

- jinvolve ruħhom fil-fora differenti li qiegħdin jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni, sabiex ikun hemm skambju ta' informazzjoni, tal-aħjar prattiki u tat-tagħlimiet meħuda;
- jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' materjal ta' gwida addizzjonali fil-livell tal-UE;
- jinvolve ruħhom fi djalogu mal-awtoritajiet lokali u reġjonali kif ukoll mal-partijiet ikkonċernati privati.

---

<sup>4</sup> 14591/12

<sup>5</sup> 13319/17

### Tħejjija kontra s-CBRN

FILWAQT LI JFAKKAR fl-ewwel Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar is-CBRN<sup>6</sup> approvat mill-Kunsill fil-konklużjonijiet tiegħu tal-1 ta' Diċembru 2009, maħsuba biex inaqqsu t-theddid u l-ħsara minn inċidenti tas-CBRN, ibbażati fuq approċċ kontra l-perikli kollha, inkluż atti ta' terroriżmu.

FILWAQT LI JQIS li approċċ aktar strateġiku u prijoritizzat għat-tnaqqas tat-theddid u l-ħsara minn inċidenti tas-CBRN ġie inkoraġġut fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2012 dwar l-Aġenda CBRNE ġdida tal-UE<sup>7</sup>, u żviluppat mill-komunikazzjoni sussegwenti tal-Kummissjoni tal-2014 dwar approċċ ġdid għad-detezzjoni u l-mitigazzjoni tar-riskji CBRNE<sup>8</sup>.

FILWAQT LI JIRRIKONOXXI li, filwaqt li attakki tas-CBRN jitmiesu bħala ta' probabbiltà baxxa, dawn l-inċidenti jistgħu, madankollu, ikollhom impatt konsiderevoli fuq is-soċjetajiet u l-ekonomiji tagħna.

FILWAQT LI JISĦAQ li s-sitwazzjoni ta' theddid li qiegħda tevolvi tirrikjedi ukoll azzjoni u tħejjija aħjar kontra attakki terroristiċi possibbli li jinvolvu materjali tas-CBRN.

FILWAQT LI JISSOTTOLINJA l-importanza li jinkiseb progress fl-azzjonijiet identifikati fil-Pjan ta' Azzjoni tas-CBRN, li jimmiraw għal:

- tnaqqis fl-aċċessibbiltà ta' materjali tas-CBRN fl-UE;
- żgurar ta' tħejjija aħjar għal inċidenti tas-CBRN u biex ikun hemm rispons aħjar għalihom;
- bini ta' rabtiet interni-esterni aktar b'saħħitha u aktar involviment ma' sħab internazzjonali ewlenin fir-rigward tas-sigurtà tas-CBRN; u
- promozzjoni u tisħiħ tal-għarfien tal-UE dwar riskji tas-CBRN permezz tal-ħolqien ta' netwerk tal-UE għas-sigurtà tas-CBRN, kif ukoll l-użu aħjar tar-riċerka dwar is-sigurtà tal-UE biex jiġu appoġġjati l-bżonnijiet f'dan il-qasam.

---

<sup>6</sup> 15505/1/09 REV 1

<sup>7</sup> 16980/12

<sup>8</sup> 9550/14 (COM(2014) 247)

JILQA' t-tisħiħ tal-Europol (ECTC) fil-qasam ta' terroriżmu tas-CBRN permezz tal-iżvilupp ta' ċentru ta' għarfien dwar is-CBRN fi ħdan l-ECTC u JISSOTTOLINJA l-importanza ta' attivitajiet analitiċi, strateġiċi u oħrajn tal-Europol fil-qasam tas-CBRN.

IFAKKAR fil-bżonn li jiġi żgurat biżżejjed finanzjament għall-iżvilupp u l-operazzjoni ta' ċentru ta' għarfien dwar is-CBRN fi ħdan l-ECTC u servizzi ta' appoġġ oħra possibbli pprovduti lill-ECTC.

JISSOTTOLINJA l-importanza ta' approċċ transsettorjali għat-taħriġ u l-kooperazzjoni u JILQA' l-isforzi biex tkompli tespandi r-riċerka dwar theddid relatat mas-CBRN.

JINKORAĠĠIXXI LILL-ISTATI MEMBRI BIEX jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet proposti fil-Pjan ta' Azzjoni tas-CBRN u biex jieħdu sehem attiv fin-netwerk tal-UE għas-sigurtà tas-CBRN li qiegħed jiġi stabbilit.

JAPPELLA LILL-KUMMISSJONI BIEX tiffaċilita l-ħidma għall-implimentazzjoni sħiħa tiegħu sa tmiem l-2019 u biex tirrapporta regolarment lura għand il-korpi adatti tal-Kunsill dwar il-progress.

Prevenzjoni tal-użu ħażin ta' prekursori tal-isplussivi

FILWAQT LI JFAKKAR fir-Regolament dwar il-Prekursuri tal-Isplussivi tal-15 ta' Jannar 2013<sup>9</sup>, li stabbilixxa regoli armonizzati dwar it-tqegħid għad-dispożizzjoni, l-introduzzjoni, il-pussess u l-użu ta' sustanzi jew taħlitiet li jistgħu jiġu użati ħażin għall-manifattura illeċita ta' splussivi.

FILWAQT LI JQIS li r-Rapport tal-Kummissjoni ta' Frar 2017<sup>10</sup> dwar l-applikazzjoni tar-Regolament kkonkluda li għandhom jitqiesu bidliet fir-Regolament sabiex tiżdied il-kapaċità ta' daww kollha involuti fl-implimentazzjoni u l-infurzar tar-restrizzjonijiet u l-kontrolli, billi l-produzzjoni ta' splussivi minn sustanzi ta' prekursori għadha *modus operandi* ta' prijorità għat-terroristi u fl-internet għadha disponibbli gwida dwar il-manifattura ta' splussivi magħmula d-dar.

---

<sup>9</sup>       Regolament (UE) Nru 98/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' prekursori tal-isplussivi (ĠU L 39, 9.2.2013, p. 1)

<sup>10</sup>       COM(2017) 103 final

JISĦAQ FUQ l-importanza li tiġi evitata l-introduzzjoni ta' prekursori tal-isplussivi lejn l-UE minn pajjiżi terzi u tat-TISĦIĦ tar-rwol operazzjonali tal-awtoritajiet doganali u l-iskambju sistematiku ta' informazzjoni fi ħdan il-qafas legali eżistenti.

FILWAQT LI JAGĦRAF il-progress li sar s'issa mill-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament Nru 98/2013 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' prekursori tal-isplussivi, JILQA' r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-passi immedjati biex jiġi evitat l-użu ħażin ta' prekursori tal-isplussivi bħala sett ta' miżuri li jistgħu jsaħħu b'mod sinifikanti l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 98/2013 u jitnaqqas it-theddid fl-UE minn splussivi magħmula d-dar.

#### JAPPELLA LILL-KUMMISSJONI BIEX

- tiffaċilita diskussjoni fil-Kumitat Permanenti dwar il-Prekursuri, inkluż, dwar aktar użu ta' sustanzi alternattivi, id-definizzjoni ta' utent professjonali u d-definizzjoni u n-natura tas-sistemi ta' spezzjoni.

#### JAPPELLA LILL-ISTATI MEMBRI BIEX

- jieħdu azzjoni biex isegwu r-rakkomandazzjonijiet u jirrapportaw lura lill-Kummissjoni dwar l-effettività tal-projbizzjoni tagħhom, is-sistemi ta' liċenzjar jew reġistrazzjoni, biex jissensibilizzaw dwar ir-riskji u r-responsabbiltajiet relatati ma' din it-theddida fost l-operaturi ekonomiċi kollha biex jillimitaw id-disponibbiltà ta' prekursori tal-isplussivi għall-pubbliku ġenerali, isaħħu l-kooperazzjoni fil-livell nazzjonali u dak tal-UE, u jinvolvu ruħhom b'mod proattiv mal-katina ta' provvista, u biex irawmu kontroll aktar effettiv permezz ta' infurzar imsaħħaħ.